Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,399, 4 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 179 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2020 dwar Kreditu ta' Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020 - 2023)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2020 dwar Kreditu ta' Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020 - 2023).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"persuna awtorizzata" tfisser persuna li jkollha permess maħruġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex taċċetta fil-barriera tagħha materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni mingħand terzi persuni;

"sena rilevanti" tfisser is-sena kalendarja 2020, 2021, 2022 jew 2023;

"servizzi kwalifikanti" tfisser l-aċċettazzjoni minn persuna awtorizzata ta' materjal ta' kostruzzjoni u demolizzjoni mingħand terzi persuni, b'tariffa ta' mhux aktar minn tnax-il euro (€12) għal kull tunnellata.

Kreditu ta' taxxa.

3. (1) Persuna awtorizzata li, matul sena rilevanti, tipprovdi servizzi kwalifikanti, tista' titlob kreditu ta' taxxa li jkun ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tat-tariffi grossi mħallsa lilha għall-forniment ta' dawk is-servizzi:

Iżda l-kreditu ta' taxxa ma għandux jeċċedi t-taxxa li tkun imposta fuq l-income derivat mill-persuna awtorizzata matul dik is-sena mill-forniment ta' dawk is-servizzi.

(2) It-talba għal kreditu ta' taxxa skont dawn ir-regoli għandha ssir b'dak il-mod u fuq dik il-formola li l-Kummissarju jista' japprova u tkun soġġetta għall-produzzjoni ta' dawk id-dokumenti jew evidenza oħra li l-Kummissarju jista' jitlob.